**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ONOR. MAĠISTRAT LARA LANFRANCO MA Law (Melit), B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

(Spet. Sherona Buhagiar)

Vs

Stephen Mifsud

Illum il-21 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Stephen Mifsud ta' 46 sena, iben Anthony Mifsud u Maria Stella nee Aquilina, imwieled Attard nhar id-19 ta' Awwissu 1976 u residenti ġewwa 9 Santa Cruz, Fl 11, Triq l-Irmiġġ, Msida, preżentement residenti l-faċilita' korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta ta' identita 0430976M li tressaq taħt arrest nhar it-23 ta' Ġunju 2023 akkużat talli nhar it-22 ta' Ġunju 2023 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa l-Imsida u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1) Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u/jew psikoloġika, u jew sfruzar, sabiex iġiegħel jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment ta' ommu u ċioe Maria Stella Mifsud li għandha l-eta' ta' 72 sena u missieru u ċioe' Anthony Mifsud li għandu l-eta' ta' 76 sena u li kienu qed jgħixu fl-istess dar bħall-ħati u liema reat

twettaq ripetutament u dan bi ksur ta' artikoli 251, 251H(a)(b), 251HA u 202(h)Iiii)(v)(j) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.;

2) U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil ommu u ċioe Maria Stella Mifsud li għandha l-eta' ta' 72 sena u missieru u ċioe' Anthony Mifsud li għandu l-eta' ta' 76 sena u li kienu qed jgħixu fl-istess dar bħall-ħati, biza li ser tintuza vjolenza contra tagħhom jew kontra l-propjeta tagħhom jew contra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mil-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien ja fli l-inmġieba tiegħu se tikkaġuna lil ommu u missieru Maria Stella Mifsud u Anthony biża u liema reat twettaq ripetutament, u dan bi ksur ta' artikoli 251B(1), 251H(a)(b), 202(h)(iii)(v)(j), 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3) U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna lil ommu u ċioe Maria Stella Mifsud li għandha l-eta ta' 72 sena u missieru u ċioe' Anthony Mifsud li għandu l-eta' ta' 76 sena u li kienu qed jgħixu fl-istess dar bħall-ħati, fastidju għal iktar minn darba, u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien ja fli kien qed ikun ta' fastidju għal ommu Maria Stella Mifsud u dan bi ksur ta' artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(iii)(v)(j), 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Stephen Mifsud ghall-beneficcju ta' Maria Stella Mifsud u Anthony Mifsud u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tallil f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' maría Stella Mifsud u Anthony Mifsud f'kaz ta' htija ma kull piena oħra li l-Qorti jidrilha xierqa.

Finalment il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflinġġi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha eżebiti mill-prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri in sostenn tal-imputazzjonijiet u semgħet ix-xhieda jiddeponu quddiemha inkluż il-parte ċivile fil-proċedura in mertu.

Rat illi matul is-seduta tal-21 ta' Novembru 2023 il-parte ċivile talbu sabiex jerġgħu jiddeponu quddiem din il-Qorti fejn iddikjaraw illi xtaqu li l-kawża kontra l-imputat jintemm u xtaqu jaħfrulu talli għamel apparti li rieduħ lura magħhom id-dar.

Rat illi ċiononostante din il-Qorti mhijiex propensa illi taċċetta ir-rinunzja għal kull ma huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat skond id-dettami tal-artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn għalhekk hija tal-fehma li għandhom jitkomplew dawn il-proċeduri.

Rat sussegwentement illi matul l-istess seduta datata il-21 ta' Novembru 2023 l-imputat iddeċieda li jirreġistra ammissjoni inkondizzjonata quddiem din il-Qorti kif ippreseduta fejn wara li din il-Qorti spjegat ir-riperkussjonijiet ta' din l-ammissjoni u wara li tat wkoll żmien xieraq sabiex jirrikonsidra din l-ammissjoni, hu tenna l-istess.

Rat illi konsegwentement din il-Qorti kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali minn waħda Struttorja u dan skond id-dettami tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni finali dwar il-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn il-partijiet iddikjaraw illi kienu qedgħin jirremettu ruħhom għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni magħmula mill-akkużat seduta stante liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-ġdid minnu matul l-istess seduta, din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu.

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena konċernanti l-akkużat, din il-Qorti qieset l-ammissjoni tal-imputat għal dawn l-imputazzjoni u dan b'mod inkondizzjonat, in-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-fedina penali tal-imputat kif ukoll dak li ġie ttrattat, inkluż ix-xewqat tal-parte ċivile skond dak li xehdu fis-seduta tallum stess, nhar il-21 ta' Novembru 2023. Din il-Qorti jidrilha illi l-imputat m'għandux jingħata piena ta' karċerazzjoni effettiva u dan anki tenut kont tal-fatt illi mill-bidu tal-proċeduri hu filfatt inżamm arrestat iżda minflokk għandu jingħata sentenza sospiża apparti li għandu jingħata għajnuna sabiex jikkontrolla r-rabbja tiegħu kif ukoll sabiex jirrikonoxxi l-estent ta' għemilu bit-tama li dan ma jerġax jirrepeti dan l-aġir il-quddiem fil-konfront tal-ġenituri tiegħu illi huma l-aktar persuni li jixtiequlu l-ġid.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 251, 251A(1)(a)(b), 251B(1), 251H(a)(b), 251HA , 202(h)Iiii)(v)(j) u 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali ta' Malta:

**Qed issib illi imputat Stephen Mifsud <u>ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu</u> u konsegwentement wara li rat l-artikolu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qedgħa tikkundanna lill-imputat għal sentejn priġunerija sospiżi għal erba snin skond l-istess disposizzjoni tal-liġi;**

**In oltre wara li din il-Qorti rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qedgħa tqiegħed ukoll lill-imputat taħt ordni ta' Trattament għal żmien tlett snin (3) u dan skond il-kundizzjonijiet kollha li jinstabu annessi ma din is-sentenza.**

**Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħlas tal-ispejjeż peritali mill-imputat favur l-espert maħtur Dr. Alexandra Mamo, fl-ammont ta' wieħed u tletin Euro u sitta u desgħin ċentenżu (€31.96).**

<u>Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-ħati f'lingwa li fehma li da parti tiegħu kkonferma li fehem l-istess.</u>

**Finalment, din il-Qorti tordna illi l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol skond il-liġi.**

**DR. LARA LANFRANCO**

**Maġistrat** **Deputat Reġistratur**